MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Numru 392/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**vs**
**Josef (Joseph) Sharfid**
**Natasha Jane Mullaney**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;

**Josef (Joseph) Sharfid** ta' 35 sena, bin Mohammed u Maria Dolores nee' Mangion, imwieled Pieta' nhar id-9 t' Awissu, 1975 u residenti Garage Nru 1, Blokk 171, Central Court, Triq il-Granmastri, Marsascala, u detentur tal-karta tal-identita' numru 392375M;

**Natasha Jane Mullaney** ta' 30 sena, bint Richard Mark Mullaney u Maria Dolores Carmela *nee'* Debono imwielda Ingilterra fis-16 ta' Dicembru 1980 residenti Flat 1, Blokk

F, Triq il-Jum Marsa u detentrici tal-karta tal-identita numru 190405L;

1. Talli nhar l-10 ta’ Marzu 2011 ghall-habta tad-9:45pm gewwa Marsascala hrabtu mill-kustodja tal-Pulizija meta kontu qed tigu arrestati skond il-Ligi;

2. Talli nhar l-10 ta’ Marzu 2011, u/jew fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, nqastu milli tharsu xi wahda, u/jew aktar minn wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja Magistrat Dr. Gabriella Vella LL.D. b’digriet datat 23 ta’ Frar 2011, u li permezz tieghu inthom nghatajtu l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li tidhru ghal kull att tal-proces kif ordnati, li ma tikkomettux delitt iehor ta’ natura volontarja, u li tiffirmaw fl-ghasses tal-pulizija tal-lokal fejn tirrisjedu;

3. Fl-ahharnett lil Josef (Joseph) Sharfid wahdu, nakkuzawh ukoll talli rrenda ruhu recediv permezz ta’ diversi sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti hija gentikment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-rejati msemmija, tirrevoka *‘contrario imperio’* d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 23 ta’ Frar 2011 u tordna l-arrest mill-gdid ta’ Josef (Joseph) Sharfid u ta’ Natasha Jane Mullaney, kif ukoll li tordna li s-somma ta’ mitt Euro bhala depozitu, kif ukoll ghaxart elef Euro (€10,000), fil-kaz ta’ Josef (Joseph) Sharfid, u hamest elef Euro (€5,000) fil-kaz ta’ Natasha Jane Mullaney bhal;a garanziji personali li gew imposti fuqhom sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali tal-llum 11 ta’ Marzu 2011 skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9, kif ukoll n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputati sabiex il-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciza bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

Rat l-artikoli 151, 160 u 579 fil-konfront taz-zewg imputati u 49 u 50 fil-konfront tal-imputat Josef (Joseph) Sharfid wahdu;

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputata u dik raffrettarja tal-imputat;

Tikkundanna lill-imputata Natasha Jane Mullaney ghal terminu ta’ prigunerija ta’ xahrejn (2) mil-lum u lill-imputat Josef (Joseph) Sharfid ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sitt (6) xhur mil-lum;

Tastjeni milli tieghu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u konfiska tad-depoziti u tordna minflok li kopja tal-atti jintbghatu lill-dik il-Qorti li quddiemha qed tinstemgha l-kumpilazzjoni relattiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------